# Kunsill Reġjonali Lvant

MINUTI

Laqgħa tar-Reġjun Numru 4

## L-EWWEL LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 4

L-Erbgħa 9 ta' Marzu, 2022

Il-Kunsill Reġjonali Ċentru ltaqa' ġewwa The Notch Conference Centre, Urban Valley Resort and Spa, San Gwann, fil-5:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Anthony Chircop – President
Is-Sur Maximillian Zammit – Viċi President u Sindku Ta' Xbiex
Is-Sa Graziella Attard Previ – Sindku tas-Sliema
Is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai –Sindku l-Imsida
Is-Sinjura Yvonne Bartolo – Viċi Sindku Iklin
Is-Sur Clayton Luke Mula – Viċi Sindku San Ġiljan
Is-Sur Omar Elaref Arab – Viċi Sindku Pembroke
Is-Sa Joanne Debono Grech –Sindku Birkirkara (onlajn)
Is-Sur Conrad Borg Manchè – Sindku Gżira (onlajn)
Is-Sa Maryanne Abela – Viċi Sindku Swieqi (onlajn)

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sur Anthony Dalli – Sindku Ħal Lija
Is-Sa. Helen Gauci – Sindku Għargħur

ASSENTI

Is-Sur Keith Tanti –Sindku Pieta'

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Jeanette Galea – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Il-President, is-Sur Anthony Chircop, qal talba u presjeda l-laqgħa.

## 4.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

4.1.1 Il-President, is-Sur Anthony Chircop, informa lill-membri li dan ir-Reġjun kien irċieva ittra ta' apoloġija mingħand is-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sur Anthony Dalli, u mingħand is-Sindku ta' Għargħur, Sa. Helen Gauci, sabiex jinfurmawna li ma setgħux jattendu għal din il-laqgħa minħabba mpenji oħra.

4.1.2 Il-President informa wkoll li s-Sindku ta' Birkirkara, is-Sa. Joanne Debono Grech, is-Sindku tal-Gżira, is-Sur Conrad Borg Manche, kif ukoll il-Viċi Sindku, is-Sa. Maryanne Abela, kienu ser ikun preżenti għal din il-laqgħa b'mod virwali.

4.1.3 Il-President ġibed l-attenzjoni tal-membri sabiex jieħdu nota minn qabel tad-data tal-laqgħa tar-Reġjun u jgħamlu mezz li jaraw li ma tkunx qed taħbat mal-laqgħa tal-Kunsill Lokali biex b'hekk kull lokalità tkun rappreżentata.

## 4.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

4.2.1 Il-President, is-Sur Anthony Chircop, informa lill-membri preżenti kif għall-ewwel darba, fuq suġġeriment fil-laqgħa preċedenti, d-dokumenti kollha marbutin ma' din il-laqgħa ma ġewx pprintjati imma kulħadd għandhu kopja diġitali sabiex innaqsu l-użu tal-karti.

4.2.2 Il-Minuti tas-Seduta numru 3 li saret nhar l-Erbgħa 23 ta' Frar 2022 kienu meħuda bħala moqrija.

4.2.3 Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tas-Sindku ta' Ta' Xbiex, is-Sur Max Zammit, u sekondati mill-Viċi Sindku ta' San Ġiljan, is-Sur Clayton Luke Mula.

4.2.4 Il-membri preżenti approvaw dan it-tibdil.

## 4.3 Komunikazzjoni mill-President

- ***Laqgħat skedati***

4.3.1 Il-President fakkar lill-membri dwar il-laqgħa li ser tinżamm nhar is-Sibt 9 t'April 2022 fejn ser tkun qed isservi ta' opportunità sabiex is-Sindki u Kunsilliera jkunu jistgħu jiltaqgħu ma' l-Uffiċjali Reġjonali u jiġu diskussa proposti u ideat ta' proġetti.

4.3.2 Is-Sur Chircop spjega wkoll li għalkemm din il-laqgħa kienet miftuħa għas-Segretarji Eżekuttivi fi ħdan ir-Reġjun, ser issir laqgħa apparti u matul il-ġimgħa sabiex is-Segretarji Eżekuttivi jkunu jistgħu jattendu matul il-ħin tax-xogħol. Għal din ir-raġuni ġie deċiż is-seminar għas-Segretarji Eżekuttiv għandu jinżamm nhar it-Tlieta 15 ta' Marzu 2022, ġewwa The Palace Hotel, tas-Sliema, bejn il-11 ta' filgħodu u s-1:30 ta' wara nofsinhar.

4.3.3 Il-membri preżenti qablu dwar dan.

## 4.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Membri

4.4.1 Il-President informa lill-membri preżenti li dan ir-Reġjun ma kien irċieva l-ebda komunikazzjoni mill-membri sabiex tiġi mressqa f'din il-laqgħa.

## 4.5 Rapporti

4.5.1 Il-President informa lill-membri li ma kien hemm l-ebda rapport x'jiġi ppreżentat għal din il-laqgħa.

## 4.6 Items oħra ta' Xogħol ieħor tar-Reġjun li jkunu meħtieġa

- ***L-Awdituri***

4.6.1 Il-President informa lill-membri preżenti li l-awdituri mill-kumpanija Grant Thornton infurmawna li l-awditjar fuq is-sena 2021 ser jibda minn nhar it-Tnejn 11 t'April 2022.

4.6.2 Il-President qal ukoll kif l-awditjar li qed issir minn kumpanija mqabda mill-Aġenzjia, LESA, qed tikkonkludi r-rapport fuq is-sena 2019, 2020 u 2021.

4.6.3 Il-President informa lill-membri preżenti kif ġurnata qabel din il-laqgħa, hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa mas-Sur Svetlick Flores sabiex jitressqu uħud mill-problemi komuni li jinstabu fi ħdan ir-Reġjun.

4.6.4 Is-Sur Chircop informa li l-laqgħa kienet produttiva u spjega kif is-Sur Flores informa lir-Reġjun li qed isir ingaġġ ta' nies ġodda pero fil-preżent hemm kollox wieqaf minħabba l-elezzjoni u l-wasla tal-Papa wkoll.

4.6.5 Is-Sur Chircop qas ukoll kif ġew diskussi xi ideat li dawn jistgħu jiġu elaborati fuqhom 'l quddiem.

- ***ESF.04.079 – Regional Cultural Strategies***

4.6.6 Il-President informa lill-membri kif nhar il-Ħamis 24 ta' Frar 2022, dan ir-Reġjun irċieva emejl mingħand it-taqsima ta' l-*EU Affairs* dwar l-istrateġiji kulturali fejn spjegaw li minħabba l-bidla fil-kompożizzjoni tar-Reġjun f'Jannar 2022 qed issir *remapping* u ser tinħareġ sejħa oħra. Għal din ir-raġuni, aġġornament dwar dan ser jingħata kif tasal aktar informazzjoni.

- ***L-Uffiċċini għar-Reġjun Lvant***

4.6.7 Il-President spjega kif ġie diskuss fil-laqgħa preċedenti, nhar il- Ħamis 3 ta' Marzu 2022 nżammet laqgħa mal-Perit Joe Bugeja sabiex jiġu diskussa n-neċessitajiet li għandhu jkollu l-uffiċċju tar-Reġjun flimkien mat-Tribunal Lokali biex b'hekk tkun tistà tinħareġ espressjoni ta' Interess.

4.6.8 Is-Sur Chircop spjega kif hemm bżonn wieħed ikun jaf xi spazzji hemm bżonn sabiex tinħareġ espressjoni ta' interess u kif din l-informazzjoni ser tingħata lill-Kunsilli Lokali sabiex ikollhom l-opportunità li jressqu l-informazzjoni dwar postijiet li jaf jiġu kunsidrati mir-Reġjun skond dawn il-ħtiġijiet.

4.6.9 Il-Viċi Sindku ta' Pembroke, is-Sur Omar Elaref Arab, staqsa jekk kienx hemm data ta' għeluq sabiex wieħed ikun jistà jissottometti din l-informazzjoni.

4.6.10 Is-Sur Chircop spjega kif il-Perit apprezza l-importanza ta' din l-informazzjoni u ser jipprovdilna din l-informazzjoni meħtieġa mill-aktar fis possibli.

- *Kundizzjonijiet tax-xogħol tas-Segretarji Eżekuttivi*

4.6.11 Il-President spjega kif dan ir-Reġjun irċieva korrispondenza mingħand id-Diviżjoni għal Gvern Lokali dwar il-kuntratt li ġie iffirmat nhar it-18 ta' Frar 2022 dwar l-aspett finanzjarju li ser jidħol fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2020.

4.6.12 Is-Sur Chircop spjega kif għal din ir-raġuni fis-salarju ta' Marzu 2022, is-Segretarju Eżekuttiv ser tingħata l-arretrati meħtieġa.

4.8.13 *17:46pm – is-Sindku tal-Gżira, is-Sur Conrad Borg Manche, daħal għal din il-laqgħa b'mod virtwali.*

- *Proġett - 'Nudging Active Travel'*

4.6.14 B'referenza għal dan il-proġett, is-Sur Chircop informa lill-membri li nhar l-Erbgħa 16 ta' Marzu 2022 ser issir preżentazzjoni qasira fil-pjazza ta' Ħal Lija fuq it-*totem poles* li qed jiġu mwaħħla f'kull lokalità u kif fil-5:30pm ser tibda t-tieni mixja bħala parti mill-proġett li kien beda s-sena l-oħra flimkien ma' l-Università ta' Malta.

4.6.15 Għal din ir-raġuni, is-Sur Chircop talab lill-membri jieħdu nota dwar dan sabiex jattendu.

- *Emblema tal-Kunsill Reġjonali Lvant*

4.6.16 Il-President informa lill-membri kif nhar il-Ġimgħa 4 ta' Marzu 2022 is-Sur Andrea Sacco Baldacchino ppreżentalna l-proposta uffiċjali magħżula u kif din intbagħtet b'mod immedjat lid-Direttur Ġenerali għad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali sabiex ikun hemm approvazzjoni.

4.6.17 Is-Sur Chircop spjega kif kopja ta' din il-proposta ntbagħtet għall-attenzjoni tal-membri permezz ta' emejl.

- *Servizz Professjonali ta' Mechanical Engineer*

4.6.18 Il-President fakkar lill-membri preżenti kif fil-laqgħa Reġjonali li kienet inżammet f'Jannar 2022 dan ir-Reġjun kien informa lill-membri dwar il-kuntratt li r-Reġjun Ċentru kellu u kif dan kien ġie fi tmiemu ma għeluq ir-Reġjun.

4.6.19 Is-Sur Chircop provda aktar informazzjoni dwar dan is-servizz u hu rrakomanda sabiex dan is-servizz jerġa jingħata.

4.6.20 Kien hemm qbil bejn il-membri preżenti sabiex inkomplu b'dan is-servizz b'mod temporanju sakemm tinħareġ u jiġi appuntat il-kuntrattur mis-sejħa pubblika.

- *Uffiċjali Reġjonali*

4.6.21 Il-President informa lill-membri kif nhar il-Ġimgħa 4 ta' Marzu 2022 dan ir-Reġjun kien irċieva emejl mingħand is-Sur Simon Agius dwar il-pożizzjoni għal Uffiċjal Maniġerjali Amministrattiv fuq il-proġetti u Uffiċjal Maniġerjali Amministrattiv fuq Fondi Ewropej/Lokali. Għal din ir-raġuni hemm bżonn li jkun hemm membru ieħor fuq il-bord peress li s-Sur Noel Muscat ma jistax ikun preżenti matul dan ix-xahar.

4.6.22 Il-Viċi Sindku ta' l-Iklin, is-Sa Yvonne Bartolo, offriet li tkun membru fuq dan il-bord.

4.6.23 Il-membri preżenti approvaw lis-Sa Bartolo. sabiex tkun fuq il-bord flimkien mal-President u s-Sindku tal-Gżira, is-Sur Conrad Borg Manche, għal din id-darba.

4.6.24 Is-Sur Conrad Borg Manche staqsa kif id-Diviżjoni talbuna nsejħu l-applikanti sabiex jattendu intervista ftit ġimgħat qabel l-elezzjoni ġenerali.

4.6.25 Il-President spjega li dawn kienu diġa evalwati mid-Diviżjoni u ġejna mitluba sabiex nsejħulhom għall-intervista.

4.6.26 Ġie deċiż sabiex dawn l-intervisti jinżammu fis-sala tal-Kunsill Lokali ta' l-Iklin nhar l-Erbgħa 16 ta' April 2022.

- *Development Planning Fund*

4.6.27 Il-President informa lill-membri li wara laqgħa li kellu jiena flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv, is-Sa Jeanette Galea mal-Perit Frans Mallia, nhar l-Erbgħa 2 ta' Marzu 2022 intbagħtet emejl lil kull Kunsill Lokali b'mod individwali bl-ammonti intitolati minn dan il-fond.

4.6.28 *18:10pm – il-Viċi Sindku ta' Swieqi, is-Sa. MaryAnna Abela, daħlet għal din il-laqgħa b'mod virwali.*

4.6.29 Is-Sindku ta' Ta' Xbiex, is-Sur Max Zammit, ressaq problema li l-Kunsill Lokali kien esperjenza dwar proġett li kienu qed ilestu permezz ta' dawn il-fondi u kif kien tlesta sal-limitu taż-żmien bie isir. Pero minħabba nuqqasijiet amministrattivi u b'nuqqas ta' staff fil-Kunsill, ma kienux ġew sottomessi xi dokumenti bi żball.

4.6.30 Hu kompli jispjega kif minħabba f'hekk il-fondi ma kienux ser jingħataw avolja spjegaw x'kien ġralhom u għal din ir-raġuni talab lir-Reġjun jekk jistax jitlob l-għajnuna mir-Reġjun.

4.6.31 Il-President spjega kif bħala Reġjun jistà jitlob laqgħa mal-Perit Mallia fil-preżenza tal-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex biex wieħed jara x'jistà jsir.

4.6.32 Is-Sur Chircop spjega kif il-Perit Mallia dejjem sibnieh disponibbli u jekk hemm deċiżjoni hija meħuda jaf lanqas kien parti minn din id-deċiżjoni.

4.6.33 Is-Sur Chircop offra wkoll sabiex ir-Reġjun ikun miżjud fil-korrispondenza li qedha għaddejja sabiex ngħatu l-appoġġ tagħna.

4.6.34 Is-Sur Chircop qal ukoll lkif fil-laqgħa mal-Perit Mallia, staqsejna dwar il-*professional fees* ma jistgħux jiġu mitluba għar-rimborż imma tkun tistà tiġi mitluba jekk il-proġett ikun *green initiative*.

- *Domandi u Proposti mressqa mis-Sur Max Zammit*

4.6.35 Is-Sur MaX Zammit xtaq iqajjem punt dwar il-proposta li tressqet lid-Diviżjoni dwar l-emblema, fejn hu xtaq jipproponi li ssir emenda fuq s-sentenza dwar il-konnessjoni mill-paroċċa ta' Birkirkara.

4.6.36 Il-membri preżenti qalu li kien hemm l-Imsida, San Ġiljan u anke l-Gżira huma lokalitajiet li ħarġu minn Birkirkara wkoll u tqajmet diskussjoni bejn il-membri preżenti.

4.6.37 Kien hemm qbil bejn il-membri sabiex tinġibed l-attenzjoni tal-persuna li ppreparat din l-emblema sabiex dan is-suġġeriment jiġi rifless fid-deskrizzjoni.

4.6.38 Is-Sur Max Zammit għamel referenza għall-eżerċizzju li qed isir mill-Uffiċjali Reġjonali li ġew ingaġġati riċentament u kif hu jaqbel ma' dak li sar u dwar dak li kien ġie ppreżentata l-proġetti fil-laqgħa preċedenti.

4.6.39 is-Sur Zammit inkuraġġixxa sabiex dawn l-uffiċjali jieħdu ħsieb jgħamlu kuntatt mas-Segretarji Eżekuttivi tal-Kunsilli permezz ta' telefon u mhux emejls biss għax jaf tinqabeż.

4.6.40 Is-Sur Zammit għamel referenza għall-informazzjoni mitluba għall-proposta fuq il-bollol, u talab sabiex il-Kunsill ikun qed jipproponi x'għandhu jitpoġġa u mhux bil-kontra.

4.6.41 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sra Galea, spjegat kif huma taw suġġeriment pero il-Kunsill Lokali seta jbiddel jew jikkonferma dak li ġie propost mill-uffiċjal. Is-Sa Galea spjegat ukoll li dan il-proġett għadu ser jitressaq għall-approvazzjoni fil-laqgħa tal-Kunsill Reġjonali li jmiss.

4.6.42 Is-Sur Max Zammit xtaq li r-Reġjun jidiskuti l-problemi relatati ma dawn il-gabbani li jkunu bla permess sabiex issir pressjoni konġunta mir-Reġjun u jiġi stabbilit proċedura peress li, fil-preżent, il-Kunsill Lokali qed jinqabeż fl-approvazzjoni ta' l-applikazzjoni wkoll.

4.6.43 Is-Sur Zammit spjega kif hu tkellem ma' l-avukat sabiex tinħareġ *byelaw* fejn il-Kunsill Lokali jkun infurmat dwar dawn il-permessi u jkun hemm lok ta' approvazzjoni mill-Kunsill Lokali.

4.6.44 Il-President spjega li dan hu suġġett important ħafna u jrid jittieħed bl-akbar serjetà.

## 4.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

4.7.1 Il-President ressaq fuq il-mejda l-iskeda ta' pagamenti għall-approvazzjoni tal-membri preżenti.

4.7.2 Is-Sindku ta' l-Imsida, is-Sa. Margaret Baldacchino Cefai, sekondata mill-Viċi Sindku ta' l-Iklin, is-Sa. Yvonne Bartolo, ressaq mozzjoni sabiex jiġu approvati l-ħlasijiet tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Numru 3A u 3B.

4.7.3 Il-mozzjoni għaddiet *nem.com.*

## 4.8 Mozzjonijiet

4.8.1 Il-President informa lill-membri preżenti li ma kien hemm l-ebda mozzjoni x'tiġi diskussa f'din il-laqgħa.

## 4.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

4.9.1 Il-laqgħa intemmet fis-6:40 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 27 ta' April 2022.

Konfermati, illum l-Erbgħa 27 ta' April, 2022.

Anthony Chircop
President

Jeanette Galea
Segretarju Eżekuttiv